

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Reġistri - Kummerċjali, Dwar L-insolvenza U Tal-artijiet](#) > [Reġistri Dwar Il-fallimenti U L-insolvenza](#) > [Scotland](#)

Reġistri dwar il-fallimenti u l-insolvenza

Il-kontenut ipprovdut minn Skozja

Skozja

Din il-paġna tagħtik informazzjoni dwar ir-reġistru tal-insolvenza tal-Iskozja.

X'għandu x'joffri r-Reġistru tal-Insolvenzi tal-Iskozja?

Is-sit elettroniku [Accountant in Bankruptcy](#) fih gwida u materjal dwar l-insolvenza fl-Iskozja. Dan jipprovdi:

- Aċċess għal-leġiżlazzjoni
- Folla għar-[Reġistru dwar l-Insolvenzi](#), li fiha dettalji dwar:
 - Fallimenti
 - Restrizzjonijiet fuq il-fallimenti
 - Atti protetti dwar it-trusts
 - Likwidazzjonijiet u riċevituri ta' negozji fl-Iskozja (inkluż l-istralċ solventi).
 - Moratorji

Ir-Reġistru dwar l-Insolvenzi tal-Iskozja ma għandux dettalji tal-amministrazzjonijiet tal-kumpaniji.

Is-sit elettroniku [DAS Scotland](#) jagħtik pariri dwar il-flus u d-dejn, materjal għal konsulenti finanzjarji approvati, informazzjoni dwar l-iskema ta' arranġament tad-dejn (skema statutorja dwar il-ġestjoni ta' pagamenti fuq perjodu raġonevoli, bi protezzjoni mill-azzjoni tal-kreditur).

Ir-Reġistru dwar l-Insolvenzi tal-Iskozja huwa l-proprjetà ta' u ġestit mill-Kontabilista fi proċedimenti ta' falliment.

Ir-Reġistru DAS (Ir-Reġistru tal-Iskema ta' Arranġament tad-Dejn) tal-Iskozja

Ir-[Reġistru DAS Register tal-Iskozja](#) jagħti informazzjoni dwar programmi ta' pagament ta' dejn approvati u pendenti. Huwa jipprovdi wkoll informazzjoni dwar il-moratorji attwali. Ir-reġistru tad-DAS jappartjeni u huwa miżmum mill-Kontabilista fi proċedimenti ta' falliment bħala parti mir-rwol tiegħu/tagħha bħala amministratur tad-DAS.

L-aċċess għar-Reġistru tal-Insolvenzi tal-Iskozja huwa mingħajr ħlas?

L-aċċess għar-reġistru tal-insolvenzi tal-Iskozja huwa mingħajr ħlas. Hija disponibbli wkoll *data* kummerċjali li tista' titniżżel kuljum. Għal iktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja: roienquiries@aib.gsi.gov.uk

L-aċċess għar-reġistru DAS tal-Iskozja huwa mingħajr ħlas?

L-aċċess għar-reġistru DAS huwa mingħajr ħlas.

Kif tagħmel tiftixa fir-Reġistru tal-Insolvenzi tal-Iskozja

Ir-Reġistru tal-Insolvenzi tal-Iskozja jinsab online.

Kif tagħmel tiftix fir-reġistru DAS

Ir-reġistru DAS jinsab online.

L-istorja tar-reġistru tal-insolvenza tal-Iskozja

It-tiftix fir-Reġistru tal-Insolvenzi jagħtik id-dettalji ta' kull każ "attwali" ta' falliment, kif ukoll ta' dawk li ngħalqu fl-aħħar sentejn. Fil-każ tal-atti protetti tat-trusts, ir-reġistru jagħtik id-dettalji tal-każijiet "attwali", kif ukoll ta' dawk li ngħalqu fl-aħħar sena. Bl-istess mod, it-tiftix fuq riċevituri jew stralċ jagħtik dettalji dwar każijiet "attwali" kif ukoll dwar dawk li ngħalqu s-sena li għaddiet.

It-tiftix dwar moratorji se juri l-moratorji attwali kollha. Moratorju jitneħħa wara sitt ġimgħat jew wara l-għoti ta' falliment, protezzjoni ta' att ta' trust, jew approvazzjoni ta' DPP taħt DAS.

L-istorja tar-Reġistru DAS

Is-sit elettroniku tar-Reġistru DAS ikopri informazzjoni dwar il-programmi ta' pagament ta' dejn approvati u pendenti. Huwa jipprovdi wkoll informazzjoni dwar il-moratorji attwali.

Ħoloq Relatati

[Kontabilista fi proċedimenti ta' falliment](#)

[Reġistru dwar l-Insolvenzi](#)

[Reġistru DAS](#)

■ L-aħħar aġġornament: 15/07/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.